# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Rikors Nru: 170/2023**

**Wara ittra uffiċjali numru 1996/23 fl-ismijiet:**

**L-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**vs**

**Charles Bianco**

**Illum, it-Tnejn 20 ta' Mejju 2024**

**Il-Qorti;**

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-14 ta' Frar 2024[1] fejn wara li dawn il-proċeduri ġew mgħajjta tlett darbiet baqa' ma deher ħadt. Wara li l-kawża ġiet posposta u reġgħet ġiet imsejjħa aktar tard, baqa' ma deher ħadt. Għal darb'oħra il-kawża ġiet posposta u reġgħet ġiet imsejjħa aktar tard, iżda baqa' ma deher ħadt. Minħabba f'hekk, il-Qorti, bit-tħaddim ta' dak li jrid l-artikolu 199(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li l-kawża titħassar minn fuq il-lista, bi spejjeż għar-rikorrent.

Rat li minn dakinhar sal-lum għaddew aktar minn tliet xhur, u ma ġie mħejji l-ebda att ġudizzjarju ai termini tal-artikolu 199(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta'

[1] A fol 17 tal-proċess.

Malta mill-partijiet, sabiex jintalab li dawn il-proċeduri jiġu mqiegħda mill-ġdid fuq il-lista tal-kawżi attivi. Iż-żmien imsemmi fl-istess artikolu huwa wieħed perentorju.

Għaldaqstant, wara li rat li għaddew it-tliet xhur inutilment, il-Qorti qiegħda terġa tteni d-digriet tagħha tal-14 ta' Frar 2024 dwar it-tħassir ta' din il-kawża, bi spejjeż għar-rikorrent u filwaqt li tieqaf milli jqis aktar dawn il-proċeduri, tordna lir-Reġistratur sabiex ineħħihom minn fuq il-lista tal-proċeduri attivi.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur